KUMITAT POLITIKU U TA' SIGURTÀ DEĊIŻJONI ATALANTA/4/2009

tas-27 ta' Mejju 2009

dwar il-ħatra ta' Kmandant tal-Operazzjoni tal-UE għall-operazzjoni militari tal-Unjoni Ewropea bil-ħsieb ta' kontribut għad-deterrenza, il-prevenzjoni u t-trażżin tal-atti ta' piraterija u ta' serq bl-użu tal-armi 'l barra mix-xtut tas-Somalja (Atalanta)

(2009/413/PESK)

IL-KUMITAT POLITIKU U TA' SIGURTÀ,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari t-tielet subparagrafu tal-Artikolu 25 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-Azzjoni Konġunta tal-Kunsill 2008/851/PESK tal-10 ta' Novembru 2008 dwar l-operazzjoni militari tal-Unjoni Ewropea bil-ħsieb ta' kontribut għad-deterrenza, il-prevenzjoni u t-trażżin tal-atti ta' piraterija u ta' serq bl-użu tal-armi 'l barra mix-xtut tas-Somalja [1] (Atalanta), u b'mod partikolari l-Artikolu 6(1) tiegħu,

Billi:

(1) Skont l-Artikolu 3 tal-Azzjoni Konġunta 2008/851/PESK il-Viċi-Ammirall Philip Johns inħatar bħala Kmandant tal-Operazzjoni tal-UE għall-operazzjoni militari tal-Unjoni Ewropea bil-ħsieb ta' kontribut għad-deterrenza, il-prevenzjoni u t-trażżin tal-atti ta' piraterija u ta' serq bl-użu tal-armi 'l barra mix-xtut tas-Somalja.

(2) Skont l-Artikolu 6 tal-Azzjoni Konġunta 2008/851/PESK, il-Kunsill awtorizza lill-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà (KPS) biex jieħu deċiżjonijiet dwar il-ħatra tal-Kmandant tal-Operazzjoni tal-UE.

(3) Ir-Renju Unit ħabbar id-disponibbiltà tal-Viċi-Ammirall Peter HUDSON biex jissostitwixxi lill-Viċi-Ammirall Philip JOHNS bħala Kmandant tal-Operazzjoni tal-UE.

(4) Il-Kumitat Militari tal-UE appoġġa dik ir-rakkomandazzjoni.

(5) Skont l-Artikolu 6 tal-Protokoll dwar il-pożizzjoni tad-Danimarka anness għat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u għat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, id-Danimarka ma tipparteċipax fl-elaborazzjoni u l-implimentazzjoni ta' deċiżjonijiet u azzjonijiet tal-Unjoni Ewropea li għandhom implikazzjonijiet ta' difiża,

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

Artikolu 1

Il-Viċi Ammirall Peter HUDSON huwa b'dan maħtur Kmandant tal-Operazzjoni tal-UE għall-operazzjoni militari tal-Unjoni Ewropea bil-ħsieb ta' kontribut għad-deterrenza, il-prevenzjoni u t-trażżin tal-atti ta' piraterija u ta' serq bl-użu tal-armi 'l barra mix-xtut tas-Somalja.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandu jkollha effett fit-3 ta' Ġunju 2009.

Magħmul fi Brussell, 27 ta' Mejju 2009.

Għall-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà

Il-President

I. ŠRÁMEK

[1] ĠU L 301, 12.11.2008, p. 33.